SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 56/K8/19**

Data tal-laqgħa: 21 ta' Frar 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Vici Sindku
John Agius - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Edgar Montanaro – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (0)**

Il-Kunsillier Clayton Luke Mula
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Martin John Sultana

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sur Daniel Galea - Accountant
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

56.1.01 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula, il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli u l-Kunsillier Martin John Sultana talbu li jiġu skużati għal-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**56.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

56.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 55/K8/19 għall-approvazzjoni.

56.2.02 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 55/K8/19.

56.2.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ssekonda l-approvazzjoni tal-Minuti 55/K8/19.

56.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

56.2.05 Saret riferenza għall-ittra li kellha tintbagħat lir-residenti ta' Triq Dun Ġużepp Xerri. Din intbgħatet.

56.2.06 Saret rifrenza għat-tender dwar l-ATM Ta' Giorni fejn il-kuntrattur, LBV, kienu għadu m'għaddiex l-informazzjoni mitluba u għalhekk il-Kunsill kien qiegħed jwaqqa' l-kuntratt u jgħaddi dan il-kuntratt lill-offerent l-ieħor li huwa George Grima.

56.2.07 Ġie iċċarat punt 55.3.01 tal-minuti preċidenti, fejn il-flus li rċivejna mingħand l-Malta Tourism Authority huma indirizzati għall-proġetti fil-komunita' u mhux esklussivament għall ġnien Spinola.

56.2.08 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-appell dwar tal-parks & gardens fejn din inqatat favur il-Kunsill.

**56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

56.3.01 Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku.

**56.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

56.4.01 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab dwar bankina li kellha ssir quddiem Perry Court, fi Triq Birkirkara, huwa ġie nfurmat li ser jinfetaħ permess mat-Transport Malta.

**56.5 Financial Statements;**

56.5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2018. Is-Sur Daniel Galea l-Accountant tal-Kunsill ippreżenta fid-dettal dan ir-rapport kif ukoll ta spjegazzjoni tal-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

56.5.02 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-rendikont finanzjarju 2018.

56.5.03 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ssekondah fl-approvazzjoni ta' tar-rendikont finanzjarju 2018.

56.5.04 Il-Kunsill qabel unanimament,

**56.6 Talbiet zghar.**

**56.6.01 Email mingħand is-Sur Christopher Deguara mill-Istreet Naming Commitee dwar Triq Patrick Brydone (Inc. 0429/19)**

56.6.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Christopher Deguara mill-Istreet Naming Committee dwar Triq Patrick Brydone. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel ma' l-ittra sabiex Triq Andre' Marouis tiġi estiżata kif indikat fl-email.

**56.6.02 Email mingħand is-Sur Abdelhakin Kherchaouci dwar demande de participation (Inc. 0368/19)**

56.6.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Abdelhakin Kherchaouci dwar demande de participation. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill qabel li jintaqa' magħhom meta jagħmlu l-viżita' ġewwa Malta.

**56.6.03 Email mingħand il-Kunsillier Clayton Luke Mula dwar Wirja Gimgħa Mqaddsa (Inc. 0359/19)**

56.6.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Clayton Luke Mula dwar Wirja Gimgħa Mqaddsa. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li naraw kemm hu l-ammount u niddeċidu min hemm.

**56.6.04 Email mingħand is-Sinjura Jeanette Galea mingħand ir-Reġjun Ċentru dwar ECAD Membership (Inc. 0190/19)**

56.6.04.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Jeanette Galea mingħand ir-Reġjun Ċentru dwar ECAD Membership. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dawn inħalsuhom.

**56.6.05 Email mingħand id-Direttura Marisa Pisani dwar Kumpless Dun Anton Sciberras (Inc. 0506/19)**

56.6.05.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand id-Direttura Marisa Pisani dwar il-Kumpless Dun Anton Sciberras

**56.6.07 Email mingħand is-Sur Stephen Bezzina dwar reserved parking space (Inc. 0486/19);**

56.6.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Stephen Bezzina dwar reserved parking space. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx mat-talba tagħhom minħabba li diġa għandhu reserved parking fi Triq Alfred Gauci.

**56.6.08 Email mingħand is-Sur Ray Abela dwar Robotica & Coding – Summer 2019 Proposal (Inc. 0429/19);**

56.6.08.01 Saret riferenza għall- email mingħand is-Sur Ray Abela dwar Robotica & Coding – Summer 2019 Proposal. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill japplika.

**56.6.09 Email mingħand is-Sur Ray Abela dwar Summer 2019 – Robotica and Coding Proposal and Agreement (Inc. 0493/19);**

56.6.09.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Ray Abela dwar Summer 2019 – Robotica and Coding Proposal and Agreement. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill japplika.

**56.6.10 Email mingħand is-Sinjura Lucienne Galea dwar Sign (Inc. 0505/19)**

56.6.10.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Lucienne Galea dwar Sign. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li din issir.

**56.6.11 Email mingħand is-Sur Noel Muscat dwar Halland Appeal (Inc. 0535/19)**

56.6.11.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Noel Muscat dwar Halland Appeal. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser jingħata l-ammont ta' €500.00 kif mitlub.

**56.6.12** Il-Kunsill ġie nfurmat mingħand is-Sinjura Maria Zammit HR tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex tawtorizzana li nimpjegaw membru ta' l-istaff ieħpr biex jikkumplementa dak preżenti. Dan għaliex żdiedet il-popolazzjoni ġewwa San Ġiljan.

**56.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

56.07.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A')

56.07.02 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

56.07.03 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ssekondah.

56.07.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**56.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

56.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4621 sa 4633. (Ara Appendiċi 'B')

56.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**56.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

56.9.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li jiġi skużat mill-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm kworum u l-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu 2019.

56.9.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data: 21 ta' Marzu 2019**